DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/1721

tal-14 ta' Ottubru 2019

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2019 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.

(2) Il-miżuri restrittivi stipulati fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) u (4) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 japplikaw sal-31 ta' Ottubru 2019. Abbażi ta' reviżjoni ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġu estiżi sal-31 ta' Ottubru 2020.

(3) Jenħtieġ li titneħħa persuna mil-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693, il-paragrafu 5huwa sostitwit b'dan li ġej:

„5. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) u (4) għandhom japplikaw sal-31 ta' Ottubru 2020".

Artikolu 2

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25.

ANNESS

Il-persuna li ġejja, u l-entrata relatata, jitneħħew mil-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693:

1. Fabien CLAIN (magħruf ukoll bħala Omar).